PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11013 – CINVEN VII / OTPP / GROUP.ONE / DOGADO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 49/08)

1. Fit-30 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Cinven Capital Management (VII) General Partner Limited ("Cinven VII", Guernsey), finalment ikkontrollata minn Civil Partnership Limited ("Cinven", Guernsey),

— Il-Bord tal-Pjan tal-Pensjoni tal-Għalliema ta' Ontario ("OTPP", il-Kanada),

— Redhalo Jersey Topco Ltd ("group.ONE", Jersey), bħalissa kkontrollata minn Cinven Capital Management (VI) General Partner Limited ("Cinven VI", Jersey), li hija wkoll finalment ikkontrollata minn Cinven,

— dogado GmbH ("dogado", il-Ġermanja).

Cinven VII u OTPP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' group.ONE u dogado.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Cinven hija impriża ta' ekwità privata impenjata fil-provvediment ta' ġestjoni tal-investiment u servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment għal għadd ta' fondi tal-investiment. Cinven tikkontrolla għadd ta' kumpaniji tal-portafoll li huma attivi f'varjetà ta' setturi f'firxa ta' ġurisdizzjonijiet,

— OTPP hija korporazzjoni mingħajr kapital azzjonista inkorporata skont l-Att dwar il-Pensjoni tal-Għalliema (Ontario), li għandha l-uffiċċju prinċipali u l-indirizz tan-negozju tagħha f'Toronto, Ontario, il-Kanada. OTPP hija impenjata bl-amministrazzjoni tal-benefiċċji tal-pensjoni u l-investiment ta' assi ta' pjanijiet tal-pensjoni f'isem madwar 333 000 għalliem attivi u rtirati fil-Provinċja Kanadiża ta' Ontario.

— Group.ONE hija attiva fil-forniment ta' web hosting u servizzi relatati,

— Dogado hija attiva fil-provvista ta' web hosting u servizzi relatati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11013 – CINVEN VII / OTPP / GROUP.ONE / DOGADO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË